**190. Il-Prim Ministru ppropona din il-mozzjoni -**

Illi l-Kamra tad-Deputati:

Peress illi f'Ruma, fid-29 ta' Ottubru 2004, Malta, flimkien mal-pajjiżi membri 1-oħra kollha ta' 1-Unjoni Ewropea ffirmat it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa ("it-Trattat"), liema Trattat ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' lUnjoni Ewropea fis-16 ta' Diċembru 2004 (serje c, nru. 310);

Peress illi t-test ta' dan it-Trattat kien il-frott ta' ħidma li saret minn Konvenzjoni Ewropea mwaqqfa apposta fl-2002 sabiex tabbozza Trattat dwar Kostituzzjoni Ewropea u li fiha Malta kienet rappreżentata permezz ta' rappreżentant tal-Gvern Malti u ta' żewġ rappreżentanti ta' din il-Kamra;

Peress illi 1-Gvern Malti kien ukoll parti fil-Konferenza Intergovernattiva bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ugwalment rappreżentati li waslet għal ftehim unanimu aħħari dwar it-test ta' dan it-Trattat nhar it-18 ta' Ġunju 2004;

Peress li Malta tqis li t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni Ewropea jagħti xhieda ta' Ewropa magħquda mill-ġdid, Ewropa ta' popli u ta' stati, Ewropa mibnija, fi proċess li ilu aktar minn ħamsin sena, fuq il-paċi, il-valuri u 1-prosperita' tal-popli u stati kollha Ewropej;

Peress li Malta wkoll storikament tat il-kontribut dejjiemi tagħha għall-ħarsien tal-valuri u ta' l-identita' Ewropea li ssawret ukoll minn sisien Mediterranji;

Peress li f'dan it-Trattat, l-Istati Membri ta' 1-Unjoni Ewropea jispiraw ruħhom mill-patrimonju komuni Ewropew li Malta tħaddan, inkluż il-patrimonju reliġjuż li bih Malta tifhem b'mod partikolari l-wirt tal-Kristjaneżmu fl-Ewropa;

Peress li t-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea jinkludi l-kundizzjonijiet kollha li Malta kisbet fit-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea inkluż kull Dikjarazzjoni u Protokoll hemm mehmuża u jsaħħaħ l-istess kundizzjonijiet b'kisbiet oħra, fosthom dwar ir-rappreżentanza ta' Malta fl-istituzzjonijiet varji ta' 1-Unjoni Ewropea u dwar ir-rikonoxximent ta' Stati Membri li huma gżejjer għall-fini tal-politika ekonomika u ta' koeżjoni ta' 1-Unjoni Ewropea;

Peress illi t-Trattat, skond 1-Artikolu IV-447 tiegħu, jibda jseħħ fl-1 ta' Novembru 2006, sakemm l-istrumenti ta' ratifika kollha jkunu ġew depożitati, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-aħħar Stat firmatarju li jieħu dan il-pass;

Peress li bis-saħħa ta' 1-artikolu 2(2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460) il-Prim Ministru jista' jagħmel Ordni sabiex trattat speċifiku jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat ta' 1-Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea; u peress li l-istess artikolu jipprovdi li l-ebda Ordni bħal dik ma tista' ssir qabel ma abbozz tagħha jkun approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra wara li tali riżoluzzjoni tkun ġiet l-ewwel sottomessa għall-eżami mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin (jew dak il-Kumitat Permanenti li minn żmien għall-ieħor jissostitwixxi l-istess Kumitat);

U peress li l-Prim Ministru bi ħsiebu joħroġ Ordni kif fuq imsemmi li abbozz tagħha qiegħed jiġi anness ma' din ir-riżoluzzjoni;

Għalhekk din il-Kamra, wara li 1-mozzjoni ġiet sottomessa lill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, tirriżolvi li:

- i. tawtorizza r-ratifika tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni Ewropea; u
- ii. tawtorizza l-ħruġ ta' l-Ordni mill-Prim Ministru li abbozz tagħha jinsab anness ma' din ir-riżoluzzjoni.

3.07.05